# IL HABIB

Joħrog̀ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaūdex jisūielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisūielhom xelin actar fis-sena u jaħtieg̀ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma targ̀a tirtadd l'ura.

Imżeūūak b'cull xorta ta daūl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta mog̀hdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Ang̀. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, l'4 TA MARZU, 1913. NRU. 56.

*Inbiercu b' kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaūħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneū minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Il Gażetti.

«Jecc li *Stampa*—kâl, daūn il g̀ranet, f'Catidral ta Skallija ūieħed Predicatur imsemmi mad-dinja ghall gherf tieghu—jecc li *Stampa* chienet minn dejjem biċċa ghodda kaūūija biex tghakkad il Poplu u biex tifirdu, issa ūisk iżjed tista taghmlu bil *Gażetti*: u dan igibuħ seūūa il *Gażetti* minnhom infushom u seūūa daūc li jakraūhom! Jaħtieg̀, mela, nifhmu chemm jaghmlu ħsara il *Gażetti* contra il Cnisja u chemm jaghmlu ħażin daūc l'insara li jakraūhom! Actar ma 'l *Gażetta* tcun ħarxa u tmiss fil laħam il ħaj, actar issib min igerriha, ghax il Poplu actar jogħg̀buħ il ħrejjef u il klajja ħżiena mit-taghlim ħiemed u mill'aħbarijet xierka. Mela, daūc l'insara li jixtru il *Gażetti* karrieka, ghalavolja ghall curżità biss, minghajr ebda ħsieb li jidħlu fixxbiec taħħom, ghandhom dejjem tort u jaghmlu dnub mhux ċchejchen, ghax bix-xiri ta daūc il *Gażetti* icunu kieghdin ighinu il ħidma tal akūa ghadu taħħom.

«Intom, mela, o Cattolici, jecc tridu li tas-seū jixirkilcom dan l'isem, ghandcom id-dmir li tirruftaū il *Gażetti ħżiena* u li tixtru il *Gażetti tajjbin*, biex il daūn tghinuhom minn żeūg̀ t'inħaūi, ghalavolja b'xi nefka ċchejcna iżjed, ghax hecc, barra milli tcunu tūarrbu it-tig̀rif mincom (min jittarraf, jig̀g̀arraf!), tcunu kieghdin taħdmu tas-seū ghall Cnisja u ghall Patrja.»

Cliem imkaddes—donnu intkal ghalina! U dan jurina chemm Skallija jafu jiżnu daūc il *Gażetti*, li mhux hemm biss jinkraū bil ħatfa, imma haūn ucoll jisbaħ cull fil-ghodu miżghud biħom!

Xi uħud minn daūc il *Gażetti* chienu geū *scumnicati:* imm'aħna actar nibżghu mil *Gażetti* — taljani, maltin, ingliżi u ta cull ilsien ieħor— li jafu jatu ix-xeūca bla ma imutu biha, li jafu ibellghu it-toscu bla ma juru il flixcun tieghu! Ghax il *Gażetti* li jaslu biex jig̀u *scumnicati*, cull-ħadd, ghajr x' erba' spaccuni, iūarrab minnhom: imma daūc l'oħrajn, li, issa taparsi mħabba il *Patrja* (imsejcna ta Patrja, chemm ig̀aghluha taghmilha ta sellum!) u issa taparsi mħabba il *Pulitica* (li, minn dakkiet, ma tcunx ħlief il ħobża ta cull jum), jeū ghax min joħroghom tcun ruħu ħażina, jeū ghax tcun kalbu chiefra, jeū ghax icun ghajjur, jeū ghax jaghmel biħ l'interess, jeū ghax ma icunx ming̀ur biż-żejjed ghal kalb in-nies seūūa, jeū ghal xi ūaħda oħra mil ħafna ghadiet ħżiena li icasbru il bniedem—kalb ir-radd tas-slaleb, kalb it-tfaħħir tal festi, kalb il miracli tal Kaddisin—dakka iniggżu nigża il xi Kassis, dakka jatu biż-żeūg̀ lil xi Cap tal Cnisja, dakka jinbxu il xi gażetta jeū xi xirca cattolica, dakka jokomsu minn haūn u dakka minn hinn, l'actar mita icollhom f'rashom li il Capijet ghamlulhom xi smagg cbir: u it-toscu tal ghira, tal mibeghda, tal vendetta, sejjer inixxi dejjem minn ferita li ma taghlak katt—inixxi chemm-chemm, imdaūūar b'ħafna fūieħat karrieka, biex ma ixommuħx daūc il boloħ li jibilghu collox! Aħjar li mkarkcin u il ħorox, li icollhom ghalic u juruc, minn daūn il faċċoli, ilpup mghottija bil g̀lud tal ħrief, li taparsi iħobbu ir-Religjon u il Patrja, fil ūakt li joboghdu ghall-meūt il min iħobbhom tas-seū u jaħdem ghalihom, ghax hecc ighidulu ruħu u kalbu, mhux biex ighix minn fukhom, chif iridu ighixu huma. Id-dinja cull-imchien leūn ūieħed—ighid kaūl barrani; u il Malti jissocta fuku: *it-tajjeb jokghod seūūa f'daru sa chemm irid il ħażin!*

## Malta u'l Marocc.

Fraħna tas-seū meta smajna, u magħna nittamaū li jifirħu bosta mil karrejja tal *Ħabib*, meta jakraū illi is-Sur Pearson, dac li għamel ħafna gid lil Maltin li chien ħaddem f'ix-xogħljiet tal *Break-water* fid-daħla tal Port il Cbir, bejn Sant'Jermu u'r-Ricâżli, ħa taħt idejh il bini ta *Break-water* cbir il Marocc. Is-Sur Pearson, li chienu dejjem għog̀buh il Maltin li chienu jaħdmu miegħu haūn Malta, għall bżulija u ħila tagħhom, u għax katt ma chienu la jiscru, la jitniccru u l'ankas jiggieldu, għandu fehma, bħal ma chiteb, jkabbad mijiet ta Maltin tas-sengħa tal ktigħ tal gebel, li haūn mijiet minnhom kegħdin jbatu, għaliex xogħol tal gebel Malta haūn ftit li xejn. Il lsien tal Maltin jixbah lil dac tal Marocchini, bħalma ūrejna ftit ilu, il ħlas biex tmur jeū tigi ta xi żeūg̀ liri biss, għaliex bgħid ūisk ma haūnx, il bard u's-sħana kishom bħal tagħna, ix-xogħol jdum xi erba' snin u jitħallas tajjeb; f'chelma ūaħda, hemm biż-żejjed biex ūieħed jitħajjar u jmur jakla' x'jiecol u jfaddal xi erba' scuti għal xi marda u għal xi kgħad ūara li jispiċċa dac ix-xogħol.

Bħalma għedna fl'articolu fuk *Il lsien Malti u'l Marocchin*, li deher ftit ilu fil *Ħabib*, ix-xebħ ta daūn iż-żeūg̀t ilsna jcun jista', il kuddiem, jūitti it-triek biex il Maltin tas-snajja, li ma jsibux xogħol f'pajjiżhom, jcunu jistgħu jsiefru u jmorru jaħdmu u jgħammru fi bliet fejn jcunu jistgħu jitchellmu bi lsienhom, bla ma jcollhom jitgħallmu, biex jiftiehmu man-nies ta daūc li bliet, ilsna barranin, bħal ma huma il francis fil Canada, il purtughis fil Brażil u l-inglis fil Californja u fl-Aūstralja.

Iżda niftiehmu tajjeb; is-Sur Pearson jrid biss nies bieżla tas-sengħa tal gebel, b'saħħithom, ħaddiema u tal għakal. Oħrajn ma għandhomx x'jmorru jagħmlu, għaliex xogħol għal issa ma jsibux u jcollhom jergħu l'ura. Il kuddiem għandu mnejn jcun hemm xogħol għal nies ta snajja oħra ucoll.

N. TAGLIAFERRO.

## Il Poeta Frangiscu Coppée.

Il ctieb li minnu ħadna li sejjrin nghidu fuk dan il cbir Poeta, li bil gênju tieghu ghamel unur lill Franza, jismu *Il Modernismo Smascherato*, tal Canonicu Edoardu Sangiorgi, stampat f'Genova fis-sena 1908; u dan ħadu mil ctieb ta li stess Poeta Frangiscu Coppée, li hecc jistkarr:

«Jena gejt imrobbi ta nisrani....iżda fil g̀oventù tieghi ghamilt ħtijiet li minnhom inħoss mistħija. Kbadt it-triek il ħażina, krajt cotba, smajt discorsi u chelli esempji ħżiena, li ghallmuni nghix scond il passjonijet tas-suppervja u taż-żina. Sirt indifferent ghar-religjon cattolica, minghajr

*Cina*—Mietet l'Imperatrici, omm l'Imperatur, ŭara marda kasira—jaħsbu li mietet b'appendicite.

*Germanja*—F'Hüelhein, ħaddiem pullacc, fid-19 ta frar, daħal fil Cnisja ta *San Engelbertu* u ghamel ta bir-ruħu sejjer jersak ikerr: imma malli resak lejn il confissinarju ħareġ rivolver u katel il kassis li chien geŭŭa fiħ. Meta arrestaŭħ, stkarr li ma riedx joktol lilu, iżda il Cappillan, li chellu x'ighid mieghu.

*Spanja*—Tliet tonnellati u nofs porvli, ħâdu in-nar f'Gijon, fix-xatt, u tajjru fl'arja bċejjeċ ta blat li ŭakghu fuk il popolazjoni u katlu 24 ruħ. L. M. C. G.

# Il mactur tal miracli.

Il *Matin*—gażetta franciża mill'akŭa—ighid:—

«Fid-19 ta jannar li ghadda, ħarget xniegha cbira mal belt collha ta Beziers (Franza) li chien sar miraclu fiċ-Cimiterju il kadim ta dic il belt.

«Isimghu x'ġara.

«Ŭaħda mara tŭajjba marret iċ-Cimiterju, biex iżżur il kabar ta krabatha: u, mita chienet sejjra tarġa l'ura ghall ghonk it-triek, ŭakfet tħares ftit lejn vâra tal Madonna imkieghda fuk kabar ta familja għânja, ghax kalbha rakket tara dic il vâra minsija minn cull-ħadd, li saħansitra bl'indeŭŭa chien nibet il ħaxix maħħa.

«Dic il mara, collha ħniena, kalet: *Oħ, imsejcna Madonna Mkaddsa, chif ħalleŭc titcasbar*! U, imbaghd, resket actar lejha, ħarget mactur mil bût u kabdet timsaħħa, sa-chemm naddfitha minn dac il ħażż li chien trabba maħħa.

«Malli temmet dic il ħidma sabiħa, ghad li chien ifeŭŭeġ ir-riħ seŭŭa ŭakghet f'dakka bħal ħemda cbira: il vâra, li bdiet titħarrec, donnha kieghda tieħu il ħajja, meddet idha il ŭaħda fuk il mactur; u ħarġu daŭn il chelmiet gheżież minn fommha:—*Dan il ghażel m'illum il-kuddiem icun ħaġa mkaddsa—ghożżu tajjeb—jena berictu* BIEX INĦALLSEC BIĦ TALLI GHAMILT MIEGHI.

«U ma din l'aħħar chelma il vâra ma tħarrchetx iżjed u ir-riħ raġa bida ifeŭŭeġ.

«Dic il mara tajjba, miblugha fiha infisha, ħarget tiġri miċ-Cimiterju; u, chif chienet mimlija bil ferħ ta kalbha, inkas setghet temmen li dic taħħa ma chienetx ħolma. Daħlet id-dar imfixcla u resket ħdejn is-sodda ta bintha, xbejba li chienet ilha xhur cbar maghtuba. Imma il marida, ghad li gisimha chien mejjet collu, malli ommha keghditilha fukha il *Mactur imkaddes*, bdiet titħarrec, fieket f'dakka, niżlet mis-sodda u bdiet timxi.

«Seħħet il ŭeghda tal Madonna u il miraclu tŭettak. Daŭn huma il ġrajja li bicheŭ bil ferħ in-nies collha ta Beziers: u issa bdeŭ sejjrin ktajja cbar ta 'nsara biex iżuru il Madonna ghażiża taċ-Cimiterju.»

G.G.

# Collox biex ifixchilni!

...All to my disappointment.

Kalbi tingħafas u teħdel rasi,
Iż-żmien inġarrab b-chiefra tbatija,
Rieked ħin nhari, lubien ħin ngħasi,
Cull xħin niftacar fil poesija!

Cull xħin niftacar xi mrar jisŭieli
Mita l-cant nisma ta' ulied il-Musa,
Chif l-arpa mkaddsa din taħtafhieli
Xħin is-salt nati biex priclu nbusha!

Imma ghaliex, mîn jaf, hecc inti chiefra
Mieghi, O Musa li l-klub dlonc tchennen?
Forsi għax tieghi l-id hija giefra
U il-cordi mregħda bla ħila tbennen?

Hix għaliex forsi tiegħi il menti
Ma tafx tinfirex fil ħsebijiet?
Ma tafx tal ħajja l-isbaħ mumenti
Tkassat u tpingi fl-isbaħ xbihiet?

Jeŭ għaliex forsi aħrax ilsieni
Il ħelŭa cordi ma jafx isaħħar?
L-ilma gherghieri u ir-rieħ venvieni
Fil giri tagħhom ma jafx iŭaħħar?

Daŭn iva, O Musa, daŭn huma l-ħsara
Illi minn tiegħec mal magħżulin
Le ncun ma nista, għalchemm b-tant ħrara
Ŭarajc nixxennak cull ŭakt, cull ħin.

Iżda int, O Lsien, għaliex poeta
Ma-ssibx u issieħeb tiegħu il-lira?
Tal Cbir għâb forsi Sultan-Profeta
Il cant li tiegħu t-tron t'Alla l-mira?

Ta' familjetec, inti iva, O Lsien,
Iva, jaħasra, tlift collha d-dija!
Il għażż minn tiegħec mal chiefer żmien
Bis-sadid ħbielec collha s-sbuħija!

Narac issa iva mal plajja l-pajja
Ta' xtut frustieri, ġo bliet. titlajja
Bħax-xebba fierha tfittex tiżżejjen
Bi ġmiel li l-ġmiel tan-natura jxejjen.

It-tajjeb, iżda, l'għalchemm tmakdir
Fukec dlonc jaka' mill-lsien l-eghdeŭŭa,
Biss dan iservi sabiex itir
Per mezz ta' ħbiebec is-sadid seŭŭa.

Jien illi darba ŭieħed minn daŭna
Mort xtakt li ncun, l-għokla u il piena
Ked issa nġarrab, chemm sbaljajt haŭna,
Chemm hi karrieka tat-tama l-ħjiena.

Ladarba l-sien ma jafx irodd
Ħlief dac li tkassat tcun taf il menti,
Ctieb il Ħolkien immur spiss ngħodd;
Iżda, jaħasra, x-uġiegħ, x-turmenti!

Għalchemm dal ctieb għall coll miftuħ,
Tiegħu s-sens jiena ŭisk moħbi nsib:
Mill li stess Għerf għalchemm mitbugħ,
Ma nista għalija ebda għerf inġib.

B-eluf ta' ilsna—is-siġra nara;
Ma nagħrafx iżda tagħhom il kaŭl:
Forsix tas-sabar li ncun l-għamara
Trid din tgħallimni; għax dlam u daŭl

U rieħ u xemx, għal bosta snin,
Issofri dejjem; contra l-ħajjnin
Forsix tgħallimni li niccumbatti
Sachemm il kabar lili jmur jgħatti!

U fil ħarifa bl-ukiegħ tal ŭerka
Tridx lili tfaccar ftal-meŭt is-serka!
Jeŭ btar-rebbiegħa il ġdida raŭma
Tridx lili tfaccar ftal-meŭt il kaŭma!

U għad-dell tas-siġra l-ilma ucoll nara
Jisserrep ma gebel, ibakbak ġo ħfar,
Li fis lili jfaccar ftal-ħajja ix-xmara
Bil-girja minn tagħha tad-dŭiem lej id-dar.

Imsammar f-kiegħ l-ilma meta nara xi scoll
Li iebes iżomm għall-ilma felħan,
Li kajl kajl joborxu u f-ramel iħoll,—
Malajr jien inxebbħu mal għomor uman,

Li mis-snin għaddejja jiġi migruf
U tad-dŭiem fil-baħar jilka' mitluf:
Chif ŭiċċ l-ilma nara xi tibna jsuk,
Dakshecc ngħid iż-żmien lil-bniedem ituk.

U il ħdura chif nilmaħ fuk iż-żeŭġ ġnub
Ngħid dan haŭn l-hena ta' ħajja bla dnub.
U ŭara t-tempesta chif ċar nara l-ilma,
Ngħid hecc ŭara l-għideb is-seŭŭa trid tilma.

U iċ-ċagħca samma fl-aħħar incanti
Li għalchemm is-simblu tal kaŭŭa u is-saħħa,
L-iżjied għerk ċhejchen, perseveranti
Jista' bil môd ixokkħa u jiftaħħa.

Ma ngħid għalija—il poesija
Ma jcollix saħħa—li jien niflaħħa,
Għalchemm nittallab—għalchemm nissallab,
Mill-għodu cmieni—sa fil-għaxija.

G. Micallef.

# Minn haûn u minn hinn.

** Il Cardinal Bourne, li chien giè Malta, fl'Ittra pastorali tar-Randan irriccmanda lill Cattolici li jitolbu għall conversjoni tal Inghilterra, fejn hemm 28 miljun Cattolicu.

** Bejn il Polo-Nord u il Polo-Sud, finnofs, ighaddi circu, immaginarju, ma dŭar id-dinja, li isejjħulu Eqŭatur. L'artijet li jakghu fuk l'Eqŭatur isofru sħana cbira.

** Il Conti Della Torre, president tal Unjoni Popolari Cattolica, fl'Italja, għamel discors favur tad-drittijet u tal libertà tal Papa, ghat-tmexxija tal Cattolici fil ħajja politica taħħom contra l'eghdeŭŭa tal Cnisja.

** Il Captan Scott chien telak għall Polo-Sud fis-sena 1910 a-bord it-*Terra-Nova*. Il Gvern ħaseb għall familja tiegħu u tal oħrajn. Ir-Re Giorġ tà lis-Sinjura Scott l'Ordni (*Knight Commander of the Bath*) bi drittijet daks chemm chien icollu ir-ragel taħħa.

** L'eghref Maltin, studjaŭ Malta; marru Barra biex jonoraŭ il Pajjiżhom.

** Il poplu ta Grenoble, Franza, għamel petizzjoni lill Cunsill tal Municipju, fejn talbu jarġa igib is-Sorijet f'li Sptarijet.

** Il *Gazzetta tal Gvern*, ta Frar, giebet l'ismijet tan-nies collha li għandhom iddritt jivvotaŭ fl'elezzjoni tal Cunsilieri.

** Ir-Reverendu protestant R. J. Brockman (Liverpool) kâl li il għajnuna biex il protestanti jicconvertu għall Cattoliciżmu hu li stess protestantiżmu. Ir-riforma (contra Ruma) tiġi magħrufa facilment li hi falsa mil Cattolici: u hu impossibbli li il cattolici ma jirbħux.

** Ma dŭar il Gżira—continent tal Aŭstralja—dal ŭakt jiżżanżnu stazzjonijet tattelegrafu minghajr fili.

** Il milord Hugh Cecil (Londra) kâl li dari l'educazzjoni ma chienetx tinghata a parti mir-Religjon.

** L'Inghilterra trid tagħmel catina ta stazzjonijet tat-telegrafu minghajr fili ma dŭar l'Imperu (Londra, Gibilterra, Malta, Sŭezz, Aden, Bombay, Colombo, Singapore, Hong-Kong, Qŭebec, Vancouver u il bkija.)

** In-numru ta tobba li marru Lourdes biex jistudjaŭ fuk il miracli f'daŭn l'aħħar tliet snin, chien hecc: fis-sena 1910, 478 tabib; fis-sena 1911, 536; u fis-sena 1912, 563.

** F'li Svizzera hemm tkankila contra l'oxxenità fiċ-cinematografi. Il poplu tal belt ta Friburgo irid Censur li jeżamina seŭŭa il pellicoli. Li Svizzera hi maksuma f'Municipji imsejjħin *Cantoni*.

** Il-lussu jicber u il ghacs jicber mieghu.

** It-Tobba ta Barra kieghdin jitolbu li jiġu inducrati iċ-Cinematografi, għax jaghmlu deni lit-tfal u isaħħnulhom rashom, li jimirdu bin-nervi.

** Fi Franza saru *ħtijet* (CRIMES PASSIONELS—DELITTI TAL PASSJONI) mill'1896 sal 1900, 183; u mill'1905 sal 1910, 305. F'Jannar ta din is-sena biss, chien hemm 13. Minn Schejjel minghajr Religjon x'tistenna?...

** Bejn Julfa (belt tal Caŭcasu-Russu, fuk ix-xmara Aras li tinfexx fil baħar Caspju) u Tabriz (belt fil Persja) gejja ferrovija taħt ir-Russi. L'Ingliżi, forsi, jiddubbaŭ mil golf Persicu il-fuk lejn il lvant, chif toħroġ mil li Strett ta Aden, għall'intern.

** Lamartine, poeta franciż cbir, li chien ucoll ministru tal *Affarijet ta barra*, chien jokghod mudell biex ħafna sculturi u pitturi, barra minn daŭc li ipinġu il bniedmin ghad-daħc, jaħdmu fuku. Chien ighid: il persuna tieghi dôn t'Alla; u għal hecc ma nħalli il ħadd jipprofânaha.

** Il Gżejjer fil lvant tal Grecja, li huma ħafna, żghar u cbâr, jiġu imsejjħin Cycladi (imkieghdin bħal circu) u Spor adi (imxerr din minn haŭn u minn hinn).—Issa, mħabba

il gŭerra, il fanali ta daŭn il gżejjer collha, chif ucoll ta Perigo, Chios, Mitylene, Psara u Icarja, m'humiex jinxeghlu.

** Cull min isiefer actarx li f 'lôc ma jigi ighid x'ra u x'tghallem, jigi jiftaħar chemm jixxala u jasal haŭn strapazzat: daŭn il vantaġġi tas-safar.

** Darba, fis-sena 1880, fil ŭakt li ir-Re ta Spanja Alfonsu Tnax, chien idur il ħabs, daħal il Vjatcu għall prigjunier marid. Ir-Re, ŭara li dac il Prigjunier tkarben, resak fuku, bieslu moħħu u kallu: *Alla jaħfirlec.* Imbagħd, collu isfar u imriegħed, b'leħen chemm jinstama, raġa kallu: *La Alla jaħ-firlec, jen ucoll naħfirlec: meta tfiek inti liberu.*

A. A.

## L'ICHEL U IX-XORB IŻ-ŻEJJED.

(*jissocta fuk in-numru 55*)

«Meta ma icunx hemm iżjed ccina— jicteb Carèm, ragel li għaraf jicseb isem u li deher imżejjen bil *Cordon-Bleu* tal cbir Napuljun— it-tixŭix imur mar-riħ, u'l għira u'l lâla żejjda ta min għandu jieħu ħsieb ħadd-ieħor jgħibu.» Il ccina, meta telket u tbegħdet mil ħitan tan-nies tas-setgħa, sabet, bħala seħbitha tal kalb, il chitba u it-tifchira ta fuk il parċmini għal geŭŭa is-sniedak u għal fuk il farxa, u stchennet fil cunventi. Xi Patrijet għarfu jiġbru l'aħjar għajdut tas-sengħa tat-tisjir, billi jippruvaŭhom f'xi jem m'hux ħorox ta minn tulec ja sena, u l'icunu bir-rieda tad-dixxiplina tal Cnisja.

Iż-żminijet tagħna mgħoddija taŭna xi dehriet ta slaten li din l'għâda ma tantx chienet taħbat fihom, mhux imħabba fil ħaŭsla.... iżda di'l biċċa tmiss biss lis-slaten.... li ma jeclux iżjed.....

Lŭigi XIV chellu bħal kima għall mejjda. Palazz li tintilef ġo fiħ bil cobor tiegħu, f'Versailles, chien mgħoti collu għax-xogħol tal ccina.... Hames mit ruħ chien hemm moħlija ŭara it-tisjir. L'ichel li chienu ihejju chien jiġi meħud mil ccina f'suttacoppi tal fidda, imdaŭŭar mil għases tal *Corp reali,* bl'alabardi f'idejhom, u fil mogħdija għall Palazz il gemgħa tan-nies tbaxxi rasha u issellem bil kima collha *lill laħam tar-Re.*

Dana il *Menù* hu xhieda ta calazzjon ta Luigi XIV: «Erba' platti soppa, imħalltin, faġan (tajra bnina ŭisk) u ħagla, siett insalata, biċtejn perżut cbar, biċċa laħam imdakksa ġmielha; xi platti bil ħelu u bajd jebes.»

Daŭna il ħŭejjeġ collha chien itemmhom ir-Re ŭaħdu. L'erba' sietti cbar tas-soppa chien ilakkathom sal kiegħ; mil faġan u mil ħagla ma chienx iħalli għajr l'għadam biss. U dina bejn ŭieħed u ieħor chienet tcun il calazzjon ta cull jum!

Napuljun il Cbir, nervus minn kaddisu, imħabbat dejjem, mingħajr sabar ta xejn, chien jokgħod għall'ichel fuk kalbu; fil calazzjon, chien jaħli għaxar minuti; fl'icla chien idum qŭarta ta siegħa Jibla u igħaddi collox bħal serduc għama. Iżda x'ġara b'di'l għaġla collha fl'ichel?....Ġara li, meta għalak it-tlietin sena, l'Imperatur simen tant li beda jiddejjak biħ in-nifsu.

Caterina dei Medici chienet żakkieka għall meŭt. Dic il mara ta' mgiba ta bhima, chienet titgħajjex u tħarbat daks każkuż. Fl'1649, il Fizzjali ta Parigi, li chienu jeħdu ħsieb il gid u il ġabra tan-nies, talbuha li tilka calazzjon minn għandhom, marret balleċ u xejn inkas minn dan il *Menù* ma lesteŭ-lha:Paguni, faġani, ŭiżż, tajr l'iżjed bnin, ħrief, ħusien, dundjani, ħagel, summien, sriedec, kżiekeż, fniec grixtin u ħŭejjeġ oħra.

Igħidu ucoll li dac in-nhar ir-Regina Caterina chienet sejjra tmut bl'icla li chielet u bl'ugiegħ ta żakk li kabadha!

(*Jissocta*) GIUS. MICALLEF-GOGGI, P.P.

Mil LUCERNA TAL HAJJA.—48. Li Sptar, iċ-Cimiterju u il Crucifiss huma tliet cotba li ighallmu il veru għerf.

---

✝

Hanin Alla, id-daŭl ta dejjem ifittex jiddi għar-ruħ imbierca tas-Sinjura

GIUSEPPINA MANCHÉ,

mart għażiża tat-TABIB CARLU, li, ŭara marda chiefra, mietet, il gimgħa l'oħra, ta 38 sena, mibcbija minn cull-min jaf x'ruħ tajjba chienet u x'ħasra cbira ħalliet f'niesha. Lilha, Mulejja, ati sehem mal Kaddisin tiegħec fis-sebħ tal Genna u farraġ Lilhom bis-sabar li taf trodd ir-Religjon Cattolica fin-nichet tad-dinja.

ID-DIREZZJONI.

—Fit-22 ta frar, Bormla, mietet, ta 29 sena, ix-xebba

CONCETTA VELLA,

ŭara marda kalila, li hi ġarrbet bis-sabar collu għal bosta snin.

Itolbu għall mistrieħ ta ruħha fis-Saltna ta bla nichet. C. L.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

### Mistoksija.

X'tieħu fuki b'nota mtennija?....

S. S.

L'aħħar *Taħbit il moħħ* chien:

«Luka mar ibieħ fuk vapur u giè fl'idejn għax raŭħ imbroljun.»

Giebuħ: mil Belt, is-Sinjurini Gjulietta Carŭana u Giuseppina Borġ-Mallia u is-Sinjuri Paŭlu Camilleri-Bezzina, Carmelu Tanti, Saverju Sammut, *Bunfus*, Carmelu Grixti u Giuseppi Sciberras—mill'Isla, is-Sinjura Giovanna Scicluna—minn Bormla, is-Sur Għejtanu Micallef—mil li Msida, is-Sur G. Attard—minn ħ'Attard, is-Sur Carmelu Attard—u minn Għaŭdex (*ir-Rabat*), C. A. u (*San-Laŭrenz*) is-Sur D. Grima.

Jiddispjacina li, fl'aħħar ħarġa, ma gibniex is-Sur Giuseppi Cuschieri ma daŭc li fissru tajjeb il logħba tal gimgħa ta kabel: imma il ħtija m'hix tagħna, iżda tiegħu stess, li, f'lôc ma chiteb lilna (id-Direzzjoni), chiteb lill'Amministratur: u hecc l'ittra tiegħu dâmet ma ŭaslitilna.

---

[*Dun Paŭl*] [*Proprietà letteraria*]

## Omm tasseu u Omm taparsi

(*Mit-Talian ta F. Martinengo P. d. M.*)

Għandcom tafu li Luteru, fuk li ma riedx actar jagħraf is-setgħa tal Papa, cap, kofol u gebla li fukha mibnija il Cnisja, sab ruħu marsus, li ħtieġlu jaħseb għal kofol ieħor, biex iżomm magħkudin daŭc li chienu ħaddnu it-tagħlim tiegħu, bla ma icollu bżonn tal Papa, li Luteru chien, *bonagrazzja* tiegħu, isejjaħlu l'*Anticrist*.

—Ajmajommi, ta min jafulu!

—Imma mux għalchemm isibu. Aħseb u gib min jaħseb saflaħħar da'l kofol deherlu li sabu fil ctieb mnebbaħ minn Alla, il Bibbja; fil ħin kabdu f'idejh, neŭŭlu lid-dixxipli tiegħu u— X'Papa, Papa? (beda igħajjat) x'iskfijet? Jeŭŭilla intom xi kabda mgħoż. Hudu f'idejcom u akraŭ; haŭn geŭ kegħda il verità. L'Ispirtu Santu, li jinkeda b'idejn il bniedmin chiteb da'l ctieb, juricom chif għandcom tieħdu il cliem tiegħu; u imexxicom hu, biza' u taktiegħ il kalb, li ma taslux ġol port tas-saħħa, ma icollcomx.

—Mela għamilhom *infallibbli* lid-dixxipli tiegħu?

Seŭseŭ; u la iżjed u la ankas. Taraŭha ħaġa curjuża, hux tasseŭ? li tiċħad l'*infallibiltà* lil Cnisja, biex tatiha lil coll ŭieħed mill insara; chemm jaħsibha ta ibleħ il bniedem, li ŭaħħal f'rasu li iseŭŭi dac li għamel Alla. Dac il ctieb, li f'moħħ Luteru chellu iżomm lil protestanti għalenija, ma chienx għalihom ħlief żerriegħa ħażina ta nokkas ta ftiehim u ta firda. Chien kisu bħal meta titfa' għadma lil katgħa clieb imgeŭħin, li jitgħiddmu u jitkatlu bejniethom bir-rabja li jaħtfuha lil xulxin. Bl' Ispirtu Santu collu li Luteru chien ŭiegħed lil uliedu, taħsbu intom li xi darba kablu bejniethom meta fissru il cotba mkaddsa? Mela x'inhu? coll ŭieħed chien jifhimhom chif iddokklu rasu: min seŭŭa u min mgħaŭŭeġ, min chien jislet minnhom *dogma* (verità tal fidi), u min oħra il maklub ta kabel; f'chelma ŭaħda taħbila li ma issibielha katt it-tarf. Daŭc il chelmiet biss, hecc ħfif u kosra, li ħarġu minn fomm Gesù Cristu fl'aħħar *cena*:—*Dan hu gismi,*—sa mitejn sena hilu il protestanti chienu fehmuhom u taŭhom actar minn mitejn tifsira u collha ma jakblux ŭaħda mgħal oħra; collŭieħed mbagħad riedli l'oħrajn jaħsbu bħalu, u ħadd ma ried jokgħod għal ieħor. Hecc hu, l'ispirtu chien mifruk, mux biss, imma għiddieb, la darba lil ŭħud chien igħidilhom *li hu hecc,* u lil oħrajn *li m'hux hecc.* Mela ma chienx l'Ispirtu t'Alla dac, imma l'ispirtu tax-xitan. Luteru innifsu, mxabbagħ u mdejjak b'da'l ħafna ġlied, li kam bejn id-dixxipli tiegħu mħabba fil Bibbja, u armaj kalbu maktugħa li iseŭŭihom bejniethom, ntebaħ b'dac u stkarru. Imma lix-xitan il bieb hu chien fetaħħulu, u ebda jedd ma chien bakagħlu li igagħal lil oħrajn ibaxxu rashom għalli jgħallimhom hu, la darba chien ta' lil collŭieħed il ŭesgħa li ifassal religjon għalih minn fuk il Bibbja. Meta mbagħad miet Luteru, il ġlied actar u actar saħan; il protestanti nferrku f'elf setta, collha jisħtu ŭaħda lil oħra, u ŭaslu illum, li armaj tista' tgħid, li kalbhom ma jinsabux tnejn biss li jakblu bejniethom u għandhom fidi ŭaħda. Hecc Alla ħaŭdilhom cliemhom, u kata' fil ħakk tiegħu li jagħmel Babilonja *vera* mil cnisja *falza* ta dac, li fis-sacra tas-saħna misħuta tiegħu chellu il ŭiċċ isejjaħ lir-Ruma il Babilonja tad-dinja.

X'chienet di'l Babilonja?

—Chif? Ma tafhiex, Majs, l'istoria ta Babilonja. Il bniedmin collha chienu jitchellmu bi lsien ŭieħed. U kabel ma nagħżlu minn xulxin u xterrdu mgħad-dinja kalu bejniethom:—Ejjeŭ nibnu torri għoli, li icun jilħak is-sema bil kuċċata tiegħu.—Imma Alla daħak bil ħsieb ta rashom, niżel kalbhom, ħaŭŭad l'ilsien li biħ chienu jitchellmu u xerridhom mgħal art. Hecc ucoll ġara lil Luteru u lid-dixxipoli tiegħu. Kamu għas-sema u għal Alla, bli ma riedux jisimgħu actar mill Vigarju tiegħu fuk l'art; u Alla ħaŭŭadhom. Minn hemm l'haŭn il protestanti huma bħan-nies ta Babele misħutin minn Alla; ma jifthemux actar bejniethom. Aħna l'insara għandna il *Credu* tagħna sa minn dsatax il mitt sena hilu, u huma actar minn tliet mija u ħamsin sena hilhom jitħabtu u jgħarku biex ifasslu ŭieħed għalihom, u għad ma rnexxilhomx.

—Mela medd riġlu ħażin Luteru, meta ŭebbel f'rasu li ineħħi il Papa u flocu ikiegħed lil Bibbja. Il protestanti, ŭara li hilom jaraŭ li collu għalxejn, imisshom jistkarruħ, u iduru fuk l'imgħallem taħhom u igħidulu fŭiċċu:—Akla' l'hemm: għallattna!

(22) (*Jissocta*)